TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 02

L-Erbgha, 7 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Charles Grech, Mark Pisani u Ryan Douglas Tanti.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien indispost u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Il-Kappillan Fr. Joseph Zahra attenda biex jaghti l-awgurju lill-Kunsill u flimkien mal-Kunsillieri qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 01 li saret nhar il-hamis, 4 ta' Lulju, 2024, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Fitzpatrick li informa li kien indispost.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm hwejjeg li jirrizultaw mill-minuti.

## 4 JUM IL-LOKAL

*4.1* Is-Sindku ippropona li Jum il-Lokal ghandu jsir fl-14 ta' Settembru, li tkun il-gurnata tas-Sibt. Huwa informa lill-Kunsill li din is-sena se tkun differenti minn snin li ghaddew minhabba li din is-sena mhux ser ikun hemm fondi ghal dawn l-attivitajiet mir-Regjun Lvant. Ghalhekk, sabiex jigu evitati spejjez, issugerixxa li l-kuncert isir fuq iz-zuntier tal-Knisja, fejn il-Kappillan diga accetta li dan isir hemm.

Il-Kunsillier Grech qal li tajjeb li dan isir fuq iz-zuntier ghax ir-residenti huma mdejqin bl-istorbju li jikkawzaw l-attivitajiet fi Triq id-Duluri.

II-Kunsillier Tanti qal li se jara kif jorganizza tournament tal-football f'dan il-perjodu. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsillier Grech qal li fl-attivita` ta' Jum il-lokal, il-Kunsill ghandu jaghmel xi barijiet sabiex ikollu xi introjtu. Is-Sindku qal li ghal barijiet il-Kunsill ghandu jhalli f'idejn l-ghaqdiet sabiex iservi bhala ghajnuna lil dawn l-istess ghaqdiet. Il-Kunsillier Bowman staqsa x'isir is-soltu. Is-Sindku wiegeb li dawn dejjem thallew f'idejn l-ghaqdiet. Ghalhekk gie deciz li dwar dan jibqa'jsir kif kien isir fl-imghoddi u cioe` li jibqghu jiehdu hsieb l-ghaqdiet tal-lokal.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-Regjun Lvant kien se jorganizza tournaments tal-football mill-u5 sal-u13.

***6.2*** Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-31 t'Awwissu u fl-1 ta' Settembru, ir-Regjun Lvant se jorganizza Bus tour madwar il-lokalitajiet tar-Regjun. Ser isir ukoll tour fuq il-bahar b'luzzu u l-hsieb huwa li dan jibda mit-Torpedo Depot.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Kunsillier Grech qal li bhalissa fil-club tal-bocci ta' Tal-Pieta` m'hemmx kumitat u l-*premises* ghaddew minn persuni ghal ohrajn b'mod abbuziv. Dan qed jirrizulta li fih qed isir burdell shih u jorqdu wkoll fih immigranti illegali. Huwa qal li anki t-tabella Pieta` Bocci Club giet imnehhija. Minhabba dawn l-abbuzi ghandha tingibed l-attenzjoni tal-Federation tal Bocci.

*7.2* Il-Kunsillier Grech qal li dwar il-progett tal-bandli minn Project Green, huwa qed jitlob li l-bandli ikun imdawwar b'cint sabiex ma jkunx hemm abbuzi bhalma kien isir fil-passat. Is-Sindku qal li wara l-manutenzjoni li saret fih, il-bandli issa huwa hafna ahjar u wiehed jista' jistenna ftit sakemm jinbeda l-progett. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-permessi, pjanti u BOQ's huwa kollox lest u qed jigu vverifikati minn ufficjali ta' Project Green' Ghalhekk issugerixxa li ssir laqgha ma' Project Green u l-Perit tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem ta' dan il-progett. Kien hemm qbil dwar dan.

*7.3*` Il-Kunsillier Grech informa li l-isprall li hemm quddiem il-kazin tal-PN fi Triq Blackley qed ihalli rwejjah koroh u talab li ssir xi haga.

*7.4* Il-Kunsillier Grech qal li fit-tarf ta' Telghet Gwardamanga hemm sprall iehor li qed ikun jinten. Is-Sindku wiegeb li s-Sanita` qed jitfghu il-kulur fih izda ghadhom ma sabux minfejn gej.

*7.5* Il-Kunsillier Grech qal li t-telephone boxes tal-injam li hawn fil-lokalita` jinhtiegu li ssir manutenzjoni fuqhom u jigu restawrati. Is-Sindku wiegeb li dawn huma proprjeta` tal-GO u hu jinsab f'kuntatt kemm mal-GO kif ukoll ma' Heritage Malta sabiex isir ir-restawr taghhom.

*7.6* Il-Kunsillier Grech qal li parti mix-xaghra hdejn il-club tal-bocci ghandha tinbidel il-konfini taghha u tigi taghmel parti minn Tal-Pieta`. Talab biex il-Kunsill jikteb lil min jiehu hsieb il-konfini tal-lokalitajiet.

*7.7* Il-Kunsillier Grech talab li jitnehhew 2 parking bays li jinsabu fil-passagg li tidhol ghalih minn Triq Joe Gasan u li jinsab bejn il-ground tal-football u l-Housing Estate. Huwa qal li dawn qed jintuzaw biex jitpoggew karru u dghajsa 'l hin kollu hemm. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li jitnehhew ghax jitnaqqsu zewg parkeggi. Tal-istess fehema kien il-Kunsillier Tanti li qal li min juza dawn se jibda juza 2 parkeggi ohra fit-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara jekk dawn iz-zewg parkeggi humiex awtorizzati.

*7.8* Il-Kunsillier Grech qal li l-van tal-Kunsill ghandu jkun dejjem nadif.

***7.9*** Il-Kunsillier Grech qal li hemm zewg sigar f'parapetti tal-Housing Estate li ghandhom bzonn jinzabru.

***7.10*** Il-Kunsillier Tanti qal li hemm bzonn jinhaslu l-iskips tal-Housing Estate.

***7.11*** Il-Kunsillier Grech qal li sar xi xoghol fejn Blokk C2 u ghad hemm xi periklu. Il-Housing Authority ser tintalab biex jitnehha dan il-periklu.

***7.12*** Il-Kunsillier Grech qal li hemm bzonn isiru cctv's fi Pjazza Madonna ta' Fatima u fi Triq K. Darmanin sabiex jinqabad min qed jabbuza fil-hin u kulur tal-bora tal-hrug ta' l-iskart. Kien hemm qbil li meta jkun hemm il-fondi necessarji jew xi skema, il-Kunsill jaghmel progett shih ghal lokalita`.

***7.13*** Il-Kunsillier Grech qal li hemm bzonn jintlew xi fili tal-pavimentar li hemm quddiem Blackley.

***7.14*** Il-Kunsillier Tanti staqsa dwar l-iskema tal-ikel tal-qtates. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li se terga' tinfetah din l-iskema u bhalissa l-importanti huwa li l-cat feeders ikunu registrati mal-Kunsill.

***7.15*** Il-Kunsillier Grech qal li l-Ghassa tal-Pulizija trid terga' tinfetah. Filwaqt li kulhadd jaqbel ma' dan, is-Segretarju Ezekuttiv informa li meta l-isptar ghadda b'koncessjoni lil Vitals u wara lil Steward, il-Kunsill kienet ittihditlu d-devoluzzjoni tal-Ghassa tal-Pulizija. Il-Kunsillier Grech qal li din ghandha terga' tinghata lill-Kunsill.

***7.16*** Il-Kunsillier Tanti qal li hemm bzonn ta' doggy bin hdejn l-iskips ta' Pjazza Madonna ta' Fatima u jekk hu possibli tehel tabella li l-iskips huma ghall-uzu tar-residenti.

***7.17*** Il-Kunsillier Bowman qal li hemm il-Belisha Beacon Lights ta' Triq Bordin li mhux qed jixghelu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li saru rapporti dwar dan lil TM. L-ahhar informazzjoni li ghandu l-Kunsill huwa li hemm bzonn intervent fit-trinka ghax ma jistghux jghaddu l-wires.

***7.18*** Il-Kunsillier Bowman qal ukoll li fejn kien sar ix-xoghol mill-Enemalta hdejn is-sub station ta' Triq Pietru Xuereb, il-wicc ghadu bil-konkos. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li diga ingibdet l-attenzjoni tal-Enemalta dwar dan.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 01. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**9. TMIEM**

***9.1*** Fis-7.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 4 ta' Settembru, 2024, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku